MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 1156/2010

**Vodafone Limited (C-10865)**
**Vs**
**Joanna Bowerman (K.I. 232987M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ seba’ mija sitta u disghin ewro w hamsa u erbghin centezmu (€796.45) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta lis-socjeta’ attrici a bazi ta’ ftehim bejn il-kontendenti (dokumenti ta’ rendikont annessi mat-talba) ghal servizzi u prodotti provduti lill-istess intimata.

Illi l-intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas il-pagament effettiv izda din baqghet inadempjenti u ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mid-data ta' dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx ir-risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenuta fit-8 ta' Ottubru, 2010 mill-Avukat Charlene Briffa u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------